# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Illum, 23 ta' Frar, 2001**

**Citaz.  numru:  2066/99 M2 NA**

**Christine Bundy**

**vs**

**Andrew Bundy**

**Il-Qorti,**

Dan id-digriet gie provokat b'rikors ta' l-attrici tal-1 ta' Novembru 2000 fejn titlob, aktar minn kull hag'ohra, kjarifika tad-digriet moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Lulju 1999.

F'dak id-digriet is-Sekond'Awla kienet ordnat lill-konvenut ihallas nofs dak illi kien qed jippercepixxi mill-ghajnuna socjali jew, f'kaz li jibda jahdem, (li ovvjament il-konvenut ma kienx dak iz-zmien) nofs is-salarju li jircievi mill-*employer* tieghu.

Jirrizulta illi llum il-konvenut huwa mpjegat ma' Forestals Limited u li, pero', apparti mis-salarju jaqla' ammont konsiderevoli kull xahar bhala *commission*. Huwa jsostni li, skond id-digriet tas-Sekond'Awla ghandu jhallas biss nofs is-salarju u mhux ukoll nofs il-*commission*.

Ghar-rikors attrici saret ir-risposta tal-konvenut fl-14 ta' Dicembru 2000 fejn jelenka l-ispejjes li ghandu. Di piu' jsostni illi l-*commissions* li jaqla' ma jissuperawx il-Lm100 fix-xahar.

Ir-rikors gie appuntat ghat-22 ta' Jannar 2001 fejn gie ttrattat u differiet ghad-digriet kamerali, liema digriet ser jinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti fl-ewwel lok tfakkar lill-partijiet li hawn qed tigi ttrattata l-kwistjoni ta' l-alimenti *pendente lite* u li dawn l-alimenti jistghu facilment jigu vvarjati mill-Qorti fis-sentenza finali wara li tkun ezaminat il-provi kollha fir-rigward ta' l-introjti taz-zewg partijiet peress illi ma jidhirx illi huwa kkontestat illi l-attrici ghandha hija wkoll xi forma ta' introjtu.

F'dan l-istadju pero' l-Qorti jidhrilha illi ghandha tinterpreta d-digriet tas-Sekond'Awla *ad litteram*. Dan pero' ma jissarrafx biss f'Lm100 fix-xahar. Anke bl-ammissjoni ta' l-istess konvenut nofs is-salarju tieghu huwa aktar minn dan l-ammont. Invece skond il-*payslip* esebit ghax-xahar ta' Settembru 2000 il-konvenut kien iddikjarat li kellu salarju ta' kwazi Lm260 bhala *basic* u dan apparti mill-*bonuses* statutorji. Jekk wiehed irid jinterpreta ghalhekk korrettement id-digriet tas-Sekond'Awla anke bil-mod kif fuq espost l-ammont li ghandu jithallas lill-attrici huwa ta' Lm130 fix-xahar u mhux Lm100 peress illi s-Sekond'Awla ma kkwalifikatx is-salarju bhala dak nett, u dana konsiderat ukoll iz-zidiet statutorji fil-paga tal-konvenut mill-1 ta' Jannar 2001.

Dan ir-rikors ghalhekk huwa deciz billi l-Qorti tippreciza u tispecifika li mill-1 ta' Marzu 2001 l-ammont li ghandu jithallas lill-attrici ghaliha u ghall-minuri huwa ta' Lm130 fix-xahar.

L-ispejjez huma rizervati.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur rf.